**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 16 ta` Dicembru 2019**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Gur. Nru. 153/2019 JZM**

**Rosanne Micallef 488278M**

***kontra***

**(i) Maged Fawzy Shokry Iskandar xi drabi indikat bhala Exkandar (ID20947A)**

**u martu (ii) Hyman Yakoub Mesak Ghbryal (ID20953A)**

**(iii) Mohsen Eskandar (ID43805A)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat bil-procedura sommarja specjali fit-18 ta` Frar 2019 li jaqra hekk :–

*Illi l-esponenti tezercita l-kummerc taht l-isem 'Ta` Jimmy Food Packing' ;*

*Illi l-intimati huma debituri certi likwidi u dovuti tar-rikorrenti fl-ammont ta` erbgha u ghoxrin elf tmien mija u sitta u sittin euro u sebgha u hamsin centezmu (€24,866.57) rappresentanti hlas ta` prezz ta` diversi oggetti ta` l-ikel mibjugha u kkonsenjati lill-intimati kif jirrizulta mill-fattura ffirmata mil-intimat Maged hawn annessa Dok A ;*

*Illi nonostante nterpellati l-intimati baqghu inadempjenti ;*

*Illi ghalhekk l-ammont dovut mil-intimati huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra l-pagament ta` l-istess ;*

*Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta`Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza ;*

*Jghidu ghalhekk l-intimati il-ghaliex, dina l-Qorti ma ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet fuq premessi, u in vista ta` l-affidavit guramentat u hawn unit (Dok RM) :*

*1. Tikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` erbgha u ghoxrin elf tmien mija u sitta u sittin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€24,866.57) bl-imghax skond il-ligi; u dana bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta` Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Lijijiet ta` Malta.*

*Bl-ispejjes tal-presenti, kontra l-intimati minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat id-dokument li kien prezentat mar-rikors guramentat.

Rat ukoll il-lista tax-xhieda.

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta` April 2019, wara li semghet lill-konvenut Maged Fawzy Shokry Iskandar, iddikjarat ruhha tal-fehma li l-konvenuti ghandhom *prima facie* eccezzjonijiet fil-fatt x`igibu kontra l-mertu tal-azzjoni attrici, u ghalhekk tat lill-konvenuti ghoxrin gurnata zmien sabiex jipprezentaw risposta guramentata.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta` Mejju 2019, fejn wara li kkostatat li l-konvenuti ma kinux ipprezentaw risposta guramentata, semghet ix-xiehda tal-konvenut Maged Fawzy Shokry Iskandar u ta`Bruno Zahra, Manager tal-"Agenzija tal-Ghajnuna Legali fil-Gzejjer Maltin".

**Rat is-sentenza li tat fis-6 ta` Gunju 2019 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, iddikjarat lill-konvenuti kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

Semghet ix-xiehda dwar il-mertu tal-azzjoni attrici u rat il-provi l-ohra li tressqu waqt il-kawza.

Rat illi fit-3 ta` Ottubru 2019 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-konvenuti jipprezentaw nota ta` osservazzjonijiet sas-7 ta` Novembru 2019.

Rat li l-konvenuti ma pprezentawx nota ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Is-sentenza ta` din il-Qorti fejn kienet dikjarata l-kontumacja tal-konvenuti ma kenitx appellata. Accertat li l-konvenuti jinsabu fi stat ta` kontumacja, tajjeb li jkun affermat il-principju tad-dritt illi l-kontumacja ta` konvenut tekwivali ghal kontestazzjoni tal-jedd pretiz mill-attur. Dan ikompli jfisser li l-attur ghandu xorta wahda jaghmel il-prova tal-istanza tieghu kif trid il-ligi.

Dwar il-mertu tal-azzjoni attrici, xehdu l-attrici u zewgha Stephen Micallef.

**Stephen Micallef** xehed li d-ditta Jimmy Food Packing tippakkja l-ikel u tbieghu fil-hwienet. Huma jixtru l-materja prima, iqattghu l-ikel biex jitqieghed f`pakketti u dawn imbaghad jinbieghu u jitqassmu fil-hwienet. Muri d-dokument a fol 3 tal-process, fisser li dak il-prospett hareg fi zmien fejn l-ordnijiet u l-bejgh ma kienx isir bil-computer bhal ma jsir illum. Dak iz-zmien kien jinkietb kollox bl-idejn. Il-konvenuti hadu x-xoghol minghandhom li tqassam f`diversi hwienet li kellhom. Ikkonferma li l-ammont dovut huwa dak li jidher fl-istess dokument. Stqarr illi fid-9 ta' Ottobru 2018 huwa kien mar ikellem lill-konvenut Maged Fawzy Shokry Iskandar, hadlu d-dokument fejn kien jidher it-total dovut. Id-dokument baqa` ghand il-konvenut. Wara sittax il-gurnata, rega` tkellem mal-konvenut, li ddikjara mieghu li kien qed jaccetta li l-ammont kien dovut tant li ffirma d-dokument.

Kompla jixhed illi l-lavranti tal-konvenut kienu jiffirmaw ghax-xoghol li kienu jigi kkonsenjat. Mix-xoghol ikkonsenjat, Maged Fawzy Shokry Iskandar hallas affarijiet zghar bi flus kontanti. Billi l-ammont dovut kien gholi, huma hadu d-decizjoni li jwaqqfu l-konsenji tax-xoghol. Wara li kien iffirmat id-dokument, ma sarux aktar pagamenti.

Kienu prezentati d-dokumenti tal-konsenja tax-xoghol li baqghu mhux imhallsin.

**L-attrici** kkonfermat d-deposizzjoni ta` zewgha.

Wara li semghet ix-xiehda u rat id-dokumenti li pprezentat l-attrici, jirrizulta sodisfacjentement ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-ammont reklamat mill-attrici huwa dovut.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex, flimkien u solidalment bejniethom, ihallsu lill-attrici s-somma dovuta ta` erbgha u ghoxrin elf tmien mija u sitta u sittin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€24,866.57) rappresentanti hlas**

**ghal diversi oggetti ta` l-ikel mibjugha u kkonsenjati, bl-imghax legali b`effett mit-18 ta` Frar 2019 sad-data tal-effettiv pagament. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**